MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2012

Numru. 456/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Carlos Cordina]**
**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Marco Rapinett**

**Illum, 1 ta' Mejju, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marco Rapinett ta' 24 sena, iben Carmelo u Pauline xebba Farrugia, imwieled Pieta fl-14 ta' Marzu, 1988 u residenti fil-fond numru 26, Triq Sant'Anton, Valletta u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 127488(M).

Akkuzat talli fl-15 ta' April, 2012 ghal habta ta' 17:00hrs gewwa il-Pieta' u fil-Gzejjer ta' Malta:
1. Minghajr ordni skond il-Ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta l-hati, arrest, zamm, jew issekkwestra lill-Lee Brian Wallis, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 59173A, kontra l-volonta tieghu;
2. Ukoll talli gewwa il-Pieta' hedded u ingurja lil Lee Brian Wallis bi strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr ma darab
3. U talli kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (mus) minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija
4. Talli fil-15 ta' April, 2012 minn fuq il-persuna ta' Lee Brian Wallis, fil-Pieta' ikkommeta serq ta' arlogg ta' ghamla mhux maghrufa ammont ta' hsara ta' hamsa u tmenin Euro (€85) ghad-detriment ta' Lee Brian Wallis, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u vjolenza;
5. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew xort'ohra sabiex jindahal biex ibiegh jew imexxi;
6. Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi gewwa l-Pieta' ikkagguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Lee Brian Wallis, hekk kif iccertifikat mit-Tabib Chris Barbara MD no.1896;
7. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Lee Brian Wallis biza' li ser tintuza vjolenza kontrih, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu ser tikkaguna biza';
8. Akkuzat talli fil-15 ta' April, 2012 hedded bil-mewt lil Lee Brian Wallis b'gebla;
9. Akkuzat ukoll talli kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti, giet mitluba li barra l-piena skond il-Ligi tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wiehed ikollu jew jottjeni l-licenzja tal-arma ghall-zmien mhux anqas minn tlett snin.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412(C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli

javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

F'kaz ta' htija il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni involuti u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 382A, 383, 384, 385 et sequitor, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-pienai stabbliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 86, 221, 251B, 261(a), 262(1)(b), 334, 338(dd) u 339(1)(b)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammett l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-hames wahda u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-ufficjali prosekuturi ddikjaraw li l-hames imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghar-raba imputazzjoni ta' serq.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu hlif ghall-hames wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi l-hames imputazzjoni dwar ricettazzjoni nghatat bhala alternattiva ghar-raba imputazzjoni (ta' serq) li giet ammessa mill-imputat; il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta kif ukoll ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 86, 221, 251B, 261(a), 262(1)(b), 338(dd) u 339(1)(b)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospieza ghal perjodu ta' erbgha (4) snin u multa ta' tlett mitt Euro (€300) li ghandha tithallas fi zmien disa' (9) xhur. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 tal-Kapitolu 480 l-imputat qed jigi skwalifikat milli jkollu licenzja taht l-istess Kapitolu 480 ghall-perjodu ta' hames (5) snin, u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-parte leza Lee Brian Wallis u ghaz-zamma ta'l-ordni pubblika b'applikazzjoni ta'l-artikolu 421C tal-Kapitolu 9 il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputat bil-projbizzjonijiet kollha elenkati f'l-istess artikolu 412C(3) u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien erbgha snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------